

*Ir-rabtiet bejn Cortona u Malta (1)*

# Francesco Laparelli - l-Arkitett Kortoniż tal-Belt Valletta

*kitba ta' Mario Thomas Vassallo*
B.Com., B.A. (Hons) Public Policy, M.A. (European Studies), Ph.D. (Sheffield) Reading, MIM

F'Awwissu tal-2009, jien u marti ddeċidejna li nieħdu pawsa mir-rutina tal-ħajja u nieħdu btala ta' ftit jiem fir-reġjun tat-Toskana. Minbarra li żorna Firenze, meqjusa bħala l-kapitali ta' dan ir-reġjun, żorna wkoll Arezzo, Pisa u Cortona. Ilkoll għandhom il-karatteristiċi tagħhom - bliet antiki, imdawra bi swar fuqana, imfawra b'monumenti arkitettoniċi u mdakkra bl-arti romaneska u rinaxximentali. Pisa hija magħrufa l-iżjed għat-Torri l-Immejjel, filwaqt li l-film ċelebri ta' Roberto Beningni '*La Vita e' Bella*' għamel minn Arezzo post iżjed popolari mat-turisti, partikolarment ma' dawk li jħobbu jżuru xi regettier biex jixtru xi oġġetti antiki minn ta' żmien il-bużnannu meta kien għadu ġuvni. Il-btala tagħna ħaditna wkoll fil-belt medjevali ta' Cortona li fiha ltqajna ma' għadd ta' sfumaturi li għandhom rabta ma' Malta. It-Toskana hija meqjusa fost l-iżjed naħat sbieħ tal-peniżola Taljana u llum tkattret qatigħ il-popolarità tal-agri-turiżmu f'dan ir-reġjun. F'dawn l-ibliet antiki għadek tista' ttiegħem il-benna tal-platti tipiċi, ngħidu aħna xi '*bistecca alla Fiorentina*' jew ir-*ribollità*, speċi ta' soppa magħquda mtektka għal jumejn fuq nar bati u mfawra bil-fażola u b'ħafna ħaxix tal-borma.

## Żewġ appuntamenti

F'dan l-ewwel artiklu dwar il-belt ta' Cortona se nkun qiegħed ninkwadra l-personalità ta' Francesco Laparelli – l-arkitett Kortoniż li ħalla ismu mnaqqax għal dejjem fl-istorja ta' Malta bħala l-bniedem li fassal il-pjanti tal-Belt Valletta fl-1566. Fit-tieni artiklu tiegħi dwar Cortona, u li se jidher f'dan l-annwal is-sena d-dieħla, se nkun qiegħed nitkellem dwar rabtiet oħrajn li jgħaqqdu lil din il-belt antika mal-kavallieri ta' Malta fejn l-offerti tagħhom għadhom sa llum iżejnu l-artali tal-knejjes f'Cortona. Imma dwar dan u aktar, nerġgħu nitkellmu sena oħra, jekk Alla jrid. Din id-darba se nwaqqgħu l-lenti tagħna fuq Francesco Laparelli ta' Cortona.



**Inċiżjoni li turi x-xbieha ta' Francesco Laparelli (1521-1570).**

## Tlajja' u nżul

L-oriġini ta' Cortona jmorru lura sa żmien l-Etruski fejn sa llum għadek tista' tara l-ġebel kbir li jifforma l-bażi tal-ħitan tal-belt fuq l-għolja, flimkien ma' għadd ta' qobra Etruski 'l barra mis-swar. Din il-belt kienet waħda importanti ferm fi żmien l-Imperu Ruman meta kompliet tespandi iżjed, għax kienet fuq ir-rotta prinċipali li kienet tgħaqqad lir-Ruma mat-Tramuntana tal-Italja. Fi żmien medjevali, Cortona kienet belt ideali biex wieħed jgħammar fiha, mibnija fuq il-quċċata ta' għolja u mdawra dawramejt bi swar formidabbli, u għaldaqstant kienet toffri sigurtà mill-aqwa lin-nies tal-post. Għajr għal triq waħda, l-ebda triq f'Cortona mhi għall-wita. Kollha tlajja' u nżul. Inżul u tlajja' li tħosshom jaqtgħulek nifsek, speċjalment jekk tinzerta tkun qiegħed isserrep fihom f'xit-tlieta ta' wara nofsinhar fix-xahar ta' Awwissu meta x-xemx tkun qiegħda fl-eqqel tagħha. Il-bini jfakkrek f'San Franġisk peress li huwa ta' żmien medjevali, filwaqt li ħafna ħwienet artiġjanali jkomplu jsebbħu l-ambjent inkantevoli ta' din il-belt solitarja qalb il-qċaċet tal-għoljiet. Fil-preżent, il-popolazzjoni f'Cortona hija ta' madwar 20,000 ruħ u l-belt għandha xejn anqas minn għoxrin knisja u abbazija, minbarra l-Katidral ta' Santa Marija u l-Bażilika ddedikata lil Santa Margerita ta' Cortona li hija l-patruna tal-Kortoneżi.

## Iltqajna ma' Laparelli!

Aħna u għaddejjin inħufu minn ġot-toroq żigużajg bil-flixkun tal-ilma mħażżem magħna, jien u marti sibna ruħna fi Piazza Signorelli fejn jiddomina Palazzo Casali li llum jospita fih il-Mużew tal-Akkademja Etruska u tal-Belt ta' Cortona. Imdendel mal-Palazz kien hemm poster kbir tal-kanvas li fuqu kien hemm ix-xbieha tal-Granmastru Jean Parisot de La Valette. Ma stajniex ma nagħrfuhx mill-ewwel. Raġel pjuttost avvanzat fl-età, liebes il-korazza, bl-elmu ġo rasu u bis-salib abjad fuq sfond aħmar imperreċ fuq sidru. Kien La Valette jmexxi



Il-poster tal-wirja dwar Francesco Laparelli mdendel ma' Palazzo Casali f'Cortona.




Mappa antika tal-Belt Valletta.




Parti mill-poster li kien jagħti tagħrif dwar il-wirja fuq Laparelli u xogħlijietu f'Malta.



Mappa tal-Belt Valletta, fejn tidher ukoll inċiżjoni tal-gżejjer Maltin, tas-seklu sittax.

lill-Kavallieri u lill-Maltin fl-Assedju l-Kbir ta' Malta. Preċiżament, kien dettall mill-affreski ta' d'Aleccio li jinsabu fil-Palazz tal-Belt Valletta. Jien u marti lanqas ridna nemmnu li fil-qalba ta' Cortona konna ltqajna ma' biċċa ta' Malta. Effettivament, il-poster kien qiegħed jirriklama wirja unika dwar Francesco Laparelli, iben denn tal-belt Cortona, li fassal il-pjanti tal-Belt ta' Malta. Meta staqsejna lin-nies tal-post, sirna nafu li l-Kartoneżi huma kburin ħafna bl-arkitett Laparelli u li l-familja Laparelli hija l-iżjed familja nobbli u illustri tal-post u li sa llum għadhom jeżistu d-dixxendenti diretti tagħha.

## Wirja unika

Il-wirja dwar l-arkitett famuż Francesco Laparelli ta' Cartona kienet inawgurat nhar it-22 t'Awwissu tal-2009, ftit tal-ġimgħat biss wara li l-Gvern Malti kixef il-pjanti ta' Renzo Piano għar-riġenerazzjoni ta' Bieb il-Belt, Pjazza Ħelsien u t-Teatru l-Imwaqqa'. L-inizjattiva tal-wirja dwar l-arkitett Laparelli u s-sehem tiegħu fit-tfassil tal-Belt Valletta ttieħdet mill-Akkademja Etruska u l-Kunsill tal-belt ta' Cortona wara li diversi mapep u disinji oriġinali kienu ppreżentati lilhom mill-Kontessa Costanza Laparelli Pitti Magi Diligenti, dixxendenta diretta ta' Francesco Laparelli. Fil-fatt il-familja Laparelli hija l-iżjed familja illustri ta' Cortona u isimha jibqa' marbut għal dejjem ma' din il-belt medjevali f'nofs l-għoljiet tat-Toskana. Il-Kontessa rregalat lill-awtoritajiet ċivili tal-belt erba' pjanti oriġinali li kien ħażżeż Laparelli għall-belt Valletta, flimkien ma' mappa manuskritt tal-gżejjer Maltin. Dawn ix-xogħlijiet oriġinali u ta' mportanza storika kbira kien ilhom ma jidhru fil-pubbliku sa missnin sittin tas-seklu l-ieħor.

## L-esebiti

Minbarra l-pjanti oriġinali tal-Belt Valletta, l-esebizzjoni f'Cortona kienet tinkludi wkoll għadd ta' ritratti artistiċi meħudin minn Daniel Cilia tal-affreski famużi tal-Assedju l-Kbir impittra minn Perez d'Aleccio li jinsabu fil-Palazz Presidenzjali ta' Malta u li kienu ġew irrestawrati f'dawn l-aħħar snin. Tajjeb ngħidu li r-rabta bejn l-Assedju l-Kbir u t-twaqqif tal-Belt Valletta hija waħda mill-iżjed b'saħħitha peress li d-deċiżjoni li tinbena l-belt il-ġdida fuq l-Għolja Xebberras ittieħdet wara r-rebħa fuq l-eżerċti Torok wara perjodu ta' assedju mdemmi li dam sejjer għal aktar minn tliet xhur. Flimkien mal-pjanti storiċi u r-ritratti tal-affreski, il-

wirja ġabret fi ħdanha għadd ta' oġġetti marbuta mal-familja Laparelli, u max-xogħol ta' Francesco Laparelli li huwa wettaq f'belt twelidu, Cortona. Dan jinkludi l-kampnar tal-katidral, kif ukoll il-Fortezza del Girifalco li tinsab fuq l-aktar parti għolja tal-belt. Fil-preżent, għaddej xogħol ta' restawr fuq l-imsemmija fortizza. Sfortunatament, meta staqsejt għall-iżjed tagħrif dwar ħajjet l-arkitett tal-Belt Valletta f'Cortona, kont informat li ftit li xejn huwa magħruf dwar ħajtu f'art twelidu. Skond id-dokumenti tal-magħmudija, Francesco twieled f'Cortona nhar il-5 t'April 1521, u fi tfulitu beda jistudja l-matematika, l-arkitettura u l-prattika tad-disinn. Bħala żagħżugħ kien ukoll jitħarreġ fl-użu tax-xwabel u l-armi tan-nar. Sa minn ċkunitu kien twebbel li jkun ta' tarka għall-fidi ta' Kristu Rxoxt mit-theddida tan-nofs qamar Iżlamiku.

## Il-kilba għall-fidi

Li huwa żgur huwa ż-żelu li kellu Francesco Laparelli biex jiddefendi l-fidi Nisranija u jeħodha kontra l-qawwiet tal-Mislem. Fil-fatt huwa storikament magħruf li bilkemm kien għadu beda sew ix-xogħol fuq il-Belt Valletta meta Laparelli seta' jserraħ moħħu li l-bini tagħha seta' jissokta sewwa bil-ħila kbira tal-assistent tiegħu, il-Malti Ġlormu Cassar. Għalhekk fl-1569 ħass li ż-żmien kien wasal biex jaqta' xewqtu u jmur jissielet kontra t-Torok fil-gwerra ta' Kandja. Għad li ż-żmien kavalleresk ma kienx għadu fl-aqwa tiegħu, Laparelli ta' Cortona baqa' jħoss fih l-ispirtu ġelliedi li kienu jħossu l-kavallieri tal-kruċjati aktar minn tliet mitt sena qablu. L-arkitettura militari kienet għalih mezz li bih kellu jinħatar kavallier u b'hekk seta' jissieħeb mal-Ordni ta' San Ġwann. Għalkemm is-swar bilkemm kienu għadhom tlestew, il-Granmastru u l-Kunsill tiegħu taw permess lil Laparelli li jitlaq minn Malta u jmur jitqabad mal-għadu Mislem. F'Kandja Laparelli ħa l-marda tal-pesta u miet fis-26 t'Ottubru tal-1570, fl-età ta' ħamsin sena. Hekk intemmet ħesrem il-ħajja ta' dan l-arkitett famuż li ħabb lill-fidi tal-Mulej



L-arma tal-familja Laparelli li tinsab fuq 'stained glass' fil-knisja ta' Santa Maria Nuova f'Cortona.

aktar milli ħabb lilu nnifsu.



Il-Papa qaddis Piju V li bagħat lill-arkitett Laparelli f'Malta biex jieħu responsabbiltà tal-Belt il-ġdida. Dan l-Papa huwa meqjus bħala wieħed mill-akbar benefatturi ta' Malta.

## Mibgħut mill-Papa

Issa li nafu kif Laparelli ħalla din id-dinja - 'l bogħod minn belt twelidu f'Cortona u 'l bogħod mill-belt li fassal f'Malta – ikun tajjeb jekk indawru lura t-tmun taż-żmien u naraw liema riħ ġabu lejn pajjiżna ftit tax-xhur wara r-rebħa tal-Assedju l-Kbir fl-1565. Fuq talba tal-Granmastru La Valette, il-Papa Piju V bagħat lil Francesco Laparelli minn Cortona, arkitett li kien jifhem sew fil-fortifikazzjonijiet militari, biex iħejji l-pjanta għall-belt il-ġdida. Laparelli kien ġie propost minn perit famuż ieħor, il-Kavallier Gabico Serbellone. It-tnejn kienu ħadmu flimkien fil-bini tal-fortifikazzjoni tal-Kastell Sant' Anġlu f'Ruma, u għalhekk il-Papa kien jaf xi jsarrfu dawn iż-żewġ talin. Fit-3 ta' Jannar 1566, Laparelli ppreżenta l-ewwel pjanta u għaxart ijiem wara ħejja pjanta oħra fejn barra milli ħażż it-tul tal-Belt, iddisinja wkoll il-fortifikazzjonijiet li kellhom jinbnew madwarha kif ukoll xi mtieħen tar-riħ u bjar 'l hawn u 'l hinn. Irid jingħad li biex Laparelli seta' jlesti l-pjanti tiegħu daqstant f'malajr, kien hemm jgħinuh numru ta' studji li saru qabel li swewh mitqlu deheb biex ifassal ir-rapporti tiegħu fi ftit jiem.

## Laparelli u Piano

Biex iżid iħeġġeġ lill-Ordni, mal-proġetti li kien ressaq, Laparelli ħemeż bħal diskors lill-Granmastru u 'l-imseħbin tal-Kunsill tiegħu. Deherlu li bih seta' jimpressjonhom ħafna, l-iżjed bil-mistoqsija li permezz tagħha temm dan id-diskors: "xi jgħidu l-kittieba tal-qedem u ta' żminijietna dwar Malta fejn nies minn ħafna nazzjonijiet li jafu sew x'għamlu oħrajn fi nħawi oħra, b'danakollu ssuktaw jibnu djarhom b'dak li tagħtihom in-natura?" L-għan ta' Laparelli kien li jfaħħar lil Malta u jirrikmanda l-ġebla l-bajda tagħha li hi fost l-iżjed materjal tajjeb għat-tinqix u l-bini. Saħaq mhux ftit fuq is-siwi tal-ġebla u ħeġġeġ biex jissoktaw jagħmlu użu minn dak li tagħtihom arthom. Ikolli ngħid li l-istess kliem li kiteb Laparelli erba' mija u ħamsin sena ilu huwa eżattament l-istess messaġġ li wassal il-perit Renzo Piano meta kienu nawgurati t-tieni verżjoni tal-pjanti tiegħu għar-riġenerazzjoni tad-dħul tal-Belt Valletta. Waqt iċ-ċerimonja uffiċjali li saret fi Triq ir-Repubblika nhar is-27 ta' Ġunju 2009, Renzo Piano faħħar il-ġmiel u s-safa tal-ġebla Maltija u ħeġġeġ lill-Maltin kollha biex joqogħdu attenti u jisimgħu

b'widnejhom l-istejjer li jirrakkonta l-ġebel - imqar dak imfarrak tat-Teatru l-Imwaqqa'...

## Jinbeda x-xogħol

Wara bosta tibdil u suġġerimenti, Laparelli ressaq ittielet pjanta tiegħu għall-Belt Valletta bit-toroq tagħha kollha kellhom ikunu dritti u jaqtgħu lil xulxin f'forma ta' grada. It-toroq dritti u wesgħin kellhom il-vantaġġ li jagħtu sens ta' ordni u preċiżjoni. Laparelli ppropona wkoll li tinbena mill-ġdid il-Forti Sant' Iiermu fil-ponta tal-peniżola, biex tkun tista' tiddefendi l-belt f'każ li tiġi attakkata mill-baħar waqt li tkun qiegħda tinbena. F'Marzu tal-1566 beda x-xogħol fuq il-belt u fi żmien ħames snin dan tant mexa 'l quddiem li l-kavallieri kienu lesti biex jidħlu jgħixu fil-belt il-ġdida. Hija ssemmiet Valletta f'ġieħ il-Granmastru La Valette li kien għadu kif mexxa r-rebħa kontra t-Torok. Ġie deċiż ukoll li l-palazzi tal-Ordni ma kellhomx jinbnew maqtugħin għalihom mill-bqija tad-djar tal-Belt; jiġifieri ma kellux ikun hemm il-'*Collachio*' riżervat biss għall-kavallieri. Laparelli għadda triq dawra mejt mal-fortifikazzjonijiet biex id-difensuri setgħu jimxu, skont il-bżonn, min-naħa għal oħra tas-swar b'ċerta ħeffa, huma u jiddefendu.

## Arkitett u benefattur

Minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema, Laparelli ġab ukoll minn flusu 500 ħaddiem Taljan biex jgħinu filbini. Biex jiġu mħajra l-bennejja Maltin jidħlu għaxxogħol, dawn bdew jitħallsu sewwa u jingħataw l-ikel ukoll b'mod regolari. B'kollox jaħsbu li daħlu jaħdmu bejn 10,000 u 12,000 ħaddiem fil-bini tal-Belt Valletta. Wara li kif rajna iżjed qabel, Laparelli ħalla lil Malta biex imur jitqabad kontra t-Torok, Ġlormu Cassar kompla x-xogħol fuq il-belt il-ġdida. Hu ħa ħsieb talippjanar u tal-aktar bini mportanti fil-Belt Valletta, fosthom il-knisja konventwali, il-palazz tal-Granmastri, is-seba' bereġ, l-imtieħen u l-ifran tal-Ordni.

## Il-belt gradilja

Billi Del Monte, il-Granmastru li laħaq wara La Vallette, kellu ħeġġa kbira li jieħu l-Ordni mill-Birgu għall-Belt Valletta kemm jista' jkun malajr, il-bereġ bdew jinbnew b'ċerta ħeffa. Il-biċċa l-kbira tal-palazzi ġew ippjanati u nbnew madwar it-triq prinċipali u filparti għolja tal-Belt Valletta. Saru numru ta' regoli biex tinżamm l-iġjene u s-sbuħija tal-belt il-ġdida. Kull dar ried ikollha bir biex b'hekk ikun maħżun l-ilma tax-xita li tant huwa meħtieġ biex jassigura livell b'saħħtu ta' għajxien mis-swar 'il ġewwa. Barra minn hekk, il-ġebel għall-bini kellu jinqata' min-naħa tal-belt magħrufa bħala l-'*Manderaggio*'. Fl-1571 il-Granmastru Del Monte ddeċieda li kien sar iż-żmien li l-Ordni tħalli l-bereġ tagħha fil-Birgu u tmur fil-bereġ ġodda tal-Belt Valletta. Dan minkejja li l-belt kapitali kienet għadha mhix lesta. Wara, il-kavallieri marru joqogħdu l-Belt Valletta, il-bini hemmhekk beda tiela' b'ritmu mgħaġġel. Il-Maltin bdew deħlin bi ħġarhom biex joqogħdu fil-belt il-ġdida. Hemm sabu iżjed sigurtà u xogħol mal-Ordni milli fl-ibliet u l-irħula tagħhom. Fil-fatt, il-popolazzjoni tal-belt fi żmien erbgħin sena telgħet minn xejn għal għaxart elef. Il-pjanta li kien ħażżeż Laparelli issa kienet inbidlet f'belt li kellha tibqa' tagħti identità singolari lill-Maltin ta' żmien ilu, ta' żmienna u ta' dawk li għad iridu jiġu warajna.



**Piazza della Repubblica f'Cortona, meqjusa bħala t-Tokk ta' din il-belt medjevali fit-Toskana.**

## Niltaqgħu sena oħra

Minbarra li jgawdu minn importanza kbira f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tal-istorja urbana u l-fortifikazzjonijiet, il-pjanti ta' Laparelli huma ċentrali fl-istorja ta' Malta minħabba l-impatt li kellu l-bini tal-Belt Valletta u l-progress li dan ġab miegħu fl-oqsma soċjali u kulturali tal-poplu Malti. Jien u marti nħossuna tassew kburin li, flimkien ma' tant dinjitarji, akkademiċi, esperti u turisti kurjużi, messitna wkoll ix-xorti li niltaqgħu b'ċikka ma' din il-wirja fil-qalba tal-belt ta' Cortona. Kemm iħossu kburi l-Malti meta isem pajjiżu jissemma' b'ġieħ u bi prominenza f'artijiet il-barranin! Il-mawra tagħna f'Cortona ħalliet togħma mill-iżjed bnina, mhux biss għax esperjenzajna dak li kellha x'toffri din il-belt imma wkoll għax skoprejna x'hemm x'jgħaqqad lil din il-belt ma' pajjiżna. Din id-darba tkellimna dwar l-arkitett Francesco Laparelli, is-sena d-dieħla nifthu tieqa fuq wieħed mill-artali tal-Bażilika ta' Santa Margerita ta' Cortona fejn sa llum għad hemm xhieda tal-qlubija li wrew il-Kavallieri ta' Malta fil-kruċjata dejjiema kontra l-Infidili. Imma fuq dan u aktar, nerġgħu niltaqgħu għal festa oħra!

**Referenzi:**


Vella, Andrew P. (1984), *Storja ta' Malta*, Klabb Kotba Maltin, Malta.

Vella, Bonavita Roger (2009), *Originals Plans of Valletta to be exhibited in Cortona*, The Malta Independent Online, aċċessata nhar it-30 t'Awwissu, 2009.

*http://it.wikipedia.org/wiki/Francesco_Laparelli, aċċessata nhar l-1 ta' Settembru, 2009.*

*http://schoolnet.gov.mt/socialstudies/Year6/storja/Valletta/BiniBelt.htm*, b'tagħrif miġbur minn Mario Debono u George Calleja, aċċessata nhar l-1 ta' Settembru, 2009.